FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

A.MICALLEF TRIGONA LL.D., MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 18 TA' MEJJU 2016

Il-Pulizija

Spettur Fabian Fleri

vs

Bernice Bellotti

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputata detentur ta' karta tal-identita' bin-numru 181293M akkuzata talli;

1. fit-28 ta' Dicembru 2015 ghall-habta ta' bejn il-00.30hrs u 01.00hrs minn gewwa l-istabbiliment bl-isem ta' Havana, li jinsab Triq San Gorg, Paceville, San Giljan, ikkommettejt serq ta' mobile phone li l-valur tieghu jeccedi il-€232.94 ghad-dannu ta' Janica Borg, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u bil-hin;

Rat it-talba tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament, mhux opposta;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghat lill-imputata tammetti l-akkuzi fuq liema insistiet anka meta l-Qorti taghta zmien tirrikonsidra;

Fuq skorta ta’ din l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ssibha  u tiddikjarha hatja.

Rat l-Artikolu 261 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Tiddeciedi li tapplika kontra l-imputata l-Artikolu 22 tal-Kap 446 b’dan li tilliberha kondizzjonatament li ma taghmilx reat iehor fi zmien tlett xhur mill-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputata  ir-responsabilitajiet taghha skond is-sentenza.

A.M. Trigona

Magistrat